

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Slovenja](#)

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn Slovenja

Slovenja



Din it-taqsimha tipprovdilek ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tas-Slovenja.

X'joffri r-Reġistru tal-Artijiet Sloven?

Ir- [Reġistru tal-Artijiet Sloven](#) fih il-fatti ġuridiċi marbuta mal-proprjetajiet, b'halma huma s-sidien, l-ipoteki, u s-servitù.

Huwa disponibbli wkoll [il-Katast tal-Artijiet](#) li jiffoka fuq iċ-ċirkostanzi fattwali tal-propjetajiet.

Ir-Reġistru tal-Artijiet huwa ta' u jiġi ġestit mill-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja..

L-aċċess g'har-reġistru tal-artijiet Sloven huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess pubbliku elettroniku g'har-Reġistru tal-Artijiet huwa disponibbli fuq il-portal e-Sodstvo <https://evlozisce.sodisce.si/esodstvo/index.html>. L-aċċess g'had-dejta huwa mingħajr ħlas iżda tinftieg reġistrazzjoni minn qabel.

L-aċċess pubbliku g'har-Reġistru tal-Artijiet huwa disponibbli wkoll fil-qrati lokali kollha tas-Slovenja, in-nutara u l-unitajiet amminisitrattivi, fejn l-individwi jistgħu jgħibu kopja ċertifikata ta' estratt mir-Reġistru tal-Artijiet. L-estratti ċertifikati mir-Reġistru tal-Artijiet isiru bi ħlas.

Kif tagħmel tiftixa fir-Reġistru tal-Artijiet Sloven

Jista' jkollok aċċess g'had-dejta billi ddaħħal il-kriterji tat-tiftix li ġejjin:

- il-muniċipalitè katastali, u n-numru tal-porzjoni diviża tal-art
- il-muniċipalitè katastali, in-numru tal-bini u n-numru individwali tal-porzjoni tal-art
- in-numru ta' identifikazzjoni tal-propjetà (I-ID tal-propjetà)
- in-numru ta' identifikazzjoni tad-dritt (I-ID tad-dritt)

L-istorja tar-Reġistru tal-Artijiet Sloven

Il-portal elettroniku l-ġdid ilu aċċessibbli mill-2011. Qabel din is-sena, l-informazzjoni kienet aċċessibbli fir-'reġistru tal-artijiet' il-qadim.

Ħoloq relatati

http://www.sodisce.si/javne_knjige/zemljiska_knjiga/

L-aħħar aġġornament: 27/03/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.